

Brussell, 5 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15431/17

TRANS 542
TELECOM 345
MI 932
CYBER 208
ENFOCUSTOM 278
DAPIX 418

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15050/17

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fil-5 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport", adottati mill-Kunsill fit-3581 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Diċembru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar id-Diġitalizzazzjoni tat-Trasport

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

- il-White Paper - Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti¹;
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 bil-għan li jitneħħew l-ostakli li fadal li jxekklu l-fluss liberu ta' data fis-Suq Intern²;
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern elettroniku 2016-2020³;
- Strateġija Ewropea għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi⁴;
- Dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-governanza elettronika adottata fis-6 ta' Ottubru 2017⁵;
- il-komunikazzjoni "L-Ewropa Attiva" adottata mill-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2017⁶;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar "Prijetajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji"⁷;

¹ 8333/11 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.

² EUCO 34/16.

³ 12359/16.

⁴ 11333/16 + ADD 1 + ADD 2.

⁵ https://www.eu2017.ee/sites/default/files/2017-10/Tallinn_eGov_declaration.pdf

⁶ 9967/17 + ADD 1.

⁷ 9976/17.

- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar is-sigurtà fit-toroq,⁸ li japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta;
- Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi (C-ITS)⁹;
- id-Dikjarazzjoni ta' Amsterdam dwar il-Kooperazzjoni fil-qasam tas-sewqan konness u awtomatizzat tal-14 u l-15 ta' April 2016¹⁰;
- id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Rotterdam dwar l-Implimentazzjoni tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) adottata fl-20 ta' Ġunju 2016¹¹;
- id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Rotterdam dwar il-Kurituri tal-Merkanzija bil-Ferrovija adottata fl-21 ta' Ġunju 2016¹²;
- id-Dikjarazzjoni Ministerjali miftiehma f'Tallinn fit-18 ta' Lulju 2017 dwar "Biex il-5G jkun suċċess għall-Ewropa"¹³.

Potenzjal ta' diġitalizzazzjoni għat-trasport

1. FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza kruċjali tad-diġitalizzazzjoni tat-trasport u l-loġistika għall-ekonomija u l-kompetittività Ewropej u JIKKONFERMA l-ambizzjoni li l-Unjoni tkun mexxej dinji f'dan il-qasam;

⁸ 9994/17.

⁹ 15203/16.

¹⁰ Segwita mill-ewwel Djalogu Strutturali ta' Livell Għoli li sar f'Amsterdam fil-15 ta' Frar 2017, l-iffirmar tal-Ittra ta' Intenzjoni tat-23 ta' Marzu 2017 dwar l-ittestjar u dimostrazzjonijiet fuq skala kbira ta' Sewqan Konness u Awtomatizzat u t-tieni Djalogu Strutturali ta' Livell Għoli li sar fl-14 u l-15 ta' Settembru 2017 fi Frankfurt/Main li qabel dwar "Pjan ta' azzjoni dwar sewqan konness u awtomatizzat".

¹¹ 10308/16.

¹² 10306/16.

¹³ https://www.eu2017.ee/sites/default/files/inline-files/Ministerial%20declaration%205G_final_0.pdf

2. FILWAQT LI JIBNI fuq il-viżjoni tal-moviment sigur u liberu ta' data¹⁴ li jrawwem l-innovazzjoni u jnaqqas l-ostakli għall-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku u għaldaqstant jista' jitqies bħala l-"ħames libertà" tal-Unjoni Ewropea;
3. JIKKONFERMA l-impenn tiegħu biex jisfrutta b'mod sħiħ il-benefiċċji tat-teknoloġiji diġitali għal settur tat-trasport aktar sikur, inklużiv, konness, kompetittiv, u nadif biex jaqdi aħjar liċ-ċittadini u lin-negozji;
4. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni biex tnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tat-trasport u biex issaħħaħ il-mobilità sostenibbli;
5. FILWAQT LI JISĦAQ fuq l-importanza tas-sikurezza fis-settur tat-trasport, b'mod partikolari l-oġettivi li l-għadd ta' mwiet u korrimenti serji fit-toroq jitnaqqsu bin-nofs¹⁵ u FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali biex jikkontribwixxu għal ċirkulazzjoni tat-traffiku aktar sikura, vetturi aktar sikuri u aktar sikurezza fit-toroq, speċjalment għal utenti nies vulnerabbli li jużaw it-toroq;
6. FILWAQT LI JAGĦRAF li s-suċċess tad-diġitalizzazzjoni fis-settur tat-trasport jiddependi minn kooperazzjoni mill-qrib tal-atturi kollha, inkluż entitajiet privati u pubbliċi fil-livelli kollha, bil-għan li jiġi promoss u jitħaffef l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali;
7. FILWAQT LI JISĦAQ fuq l-importanza tal-użu sħiħ ta' teknoloġiji diġitali li jgħinu biex jinħoloq ambjent favorevoli għal a) servizzi innovattivi ta' trasport u ta' mobilità li jkunu multimodali, faċli biex jintużaw, inklużivi, bi prezz li jintlaħaq, bla xkiel u mmexxija mid-domanda, bħall-Mobilità bħala Servizz u servizzi ta' biljetti integrati mal-UE kollha, b) użu effiċjenti u bl-aħjar mod possibbli tas-servizzi u l-infrastruttura tat-trasport eżistenti, u c) mobilità mtejbja f'żoni urbani u rurali;

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).

¹⁵ Oġettivi kif miftiehma fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar is-sigurtà fit-toroq, li japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta.

8. FILWAQT LI JAGĦRAF l-opportunitajiet li tiġi sfruttata b'mod sħiħ id-data dwar it-trasport għall-ħolqien u t-titjib ta' servizzi fl-UE kollha u b'valur miżjud;
9. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-interoperabbiltà u l-armonizzazzjoni tal-interfaċċi għall-iskambju tad-data sabiex jiġu ffaċilitati servizzi tat-trasport multimodali transkonfinali bla xkiel u effiċjenti;
10. FILWAQT LI JISĦAQ li d-diġitalizzazzjoni tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-awtoritajiet u n-negozji, u fl-istess ħin tiffaċilita l-monitoraġġ tal-konformità mal-leġislazzjoni u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet indaqs għall-operatori kollha tat-trasport.

Sfidi tad-diġitalizzazzjoni tat-trasport

11. FILWAQT LI JAGĦRAF li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni huma sfida għall-individwi u għas-sistemi, is-servizzi u l-organizzazzjonijiet tat-trasport tradizzjonali;
12. FILWAQT LI JFAKKAR li minkejja l-istadju differenti ta' żvilupp diġitali madwar reġjuni differenti u minn fruntiera għal oħra, u minkejja mezzi differenti ta' trasport, il-proċess ta' diġitalizzazzjoni għab riżultati pożittivi, u għaldaqstant FILWAQT LI JTENNI l-ħtieġa għal aktar effiċjenza u għal kunċetti ġodda ta' loġistika msejsin fuq informazzjoni f'ħin reali disponibbli b'mod miftuħ, biex b'hekk ikunu possibbli servizzi ta' trasport u mobilità multimodali bla xkiel;
13. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħidma li saret mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għall-promozzjoni ta' livelli oġhla ta' konnettività bejn il-mezzi tat-trasport, b'mod partikolari permezz tal-ġestjoni mtejbja tal-flussi tat-traffiku u tas-sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport;
14. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza tal-privatezza, il-protezzjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà biex tinbena l-fiduċja taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-konsumaturi fis-soluzzjonijiet diġitali għal trasport li tiffaċilita l-prinċipju ta' "diġitali b'mod awtomatiku"¹⁶;

¹⁶ Kif definit fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 - Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika (dok. 8097/16 + COR 1 + ADD 1 + ADD 2).

15. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-iskambju insuffiċjenti li qed isir bħalissa ta' data dwar it-trasport fi ħdan il-mezzi tat-trasport, bejniethom u mas-settur tal-loġistika u l-potenzjal għall-iżvilupp ta' servizzi diġitali ġodda;
16. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza li jsiru biżżejjed investimenti pubbliċi u privati għall-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport diġitali.

IL-KUNSILL GĦALDAQSTANT:

17. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex tiżviluppa strateġija komprensiva u multimodali ta' diġitalizzazzjoni għas-settur tat-trasport fl-ewwel tliet xhur tal-2019 li tkun akkumpanjata minn pjan direzzjonali li jinkludi lista indikattiva ta' azzjonijiet proposti u skeda ta' żmien assoċjata għall-preżentazzjoni tagħhom;
18. JISSOTTOLINJA l-importanza tad-Direttiva NIS¹⁷ u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data¹⁸; JITLOB gwida mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex jgħin lill-mezzi speċifiċi tat-trasport fl-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data b'mod konsistenti, u JAPPELLA lis-settur tat-trasport biex jikkontribwixxi għall-applikazzjoni sħiħa tagħhom;
19. JENFASIZZA l-importanza ta' djalogu mifruq fis-soċjetà u għaldaqstant JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-impatt soċjoekonomiku u ambjentali tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-qasam tat-trasport filwaqt li tqis il-ħiliet ġodda meħtieġa f'dak is-settur, u, jekk ikun meħtieġ, biex tipproponi miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-impatti;
20. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, inkluż fil-livell internazzjonali, biex tanalizza s-sistema ta' responsabbiltà fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tat-trasport, filwaqt li tindirizza b'mod speċjali l-kwalità tad-data, l-integrità tad-data u t-traffiku ta' vetturi, bastimenti u droni konnessi u awtomatizzati u FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jitqiesu l-karatteristiċi individwali ta' kull mezz ta' trasport u l-iżviluppi;

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1-30).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).

21. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri, lill-partijiet ikkonċernati u lill-korpi tal-UE biex jagħmlu aktar disponibbli b'mod miftuħ id-data mhux personali marbuta mat-trasport u, fejn xieraq, data anonimizata, inkluż data f'ħin reali, u jagħmlu possibbli li din terġa' tintuża, b'mod mhux diskriminatorju għall-fornituri u l-utenti kollha tas-servizzi sabiex jiġu ffaċilitati ġestjoni effiċjenti tat-traffiku, servizzi diġitali ġodda u mudelli ġodda ta' negozju;
22. JAPPELLA għat-tkomplija tal-ħidma tal-Forum tat-Trasport u l-Loġistika Diġitali (DTLF) fuq l-iżvilupp mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha ta' miżuri biex jappoġġaw użu u aċċettazzjoni aktar sistematika ta' dokumenti elettroniċi u l-iskambju armonizzat ta' informazzjoni u data fil-katina loġistika, JENFASIZZA b'mod partikolari l-ħtieġa biex l-Istati Membri tal-UE jaderixxu malajr mal-protokoll e-CMR¹⁹; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tipproponi segwitu xieraq għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Formalitajiet tar-Rappurtar, inkluż permezz tal-introduzzjoni tal-Manifest elektroniku permezz ta' ambjent ta' Punt Uniku ta' Kuntatt Marittimu Ewropew armonizzat, biex jiġi stabbilit Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew mingħajr Ostakli u biex jittejjbu l-effiċjenza u l-attrazzjoni tas-settur tat-trasport marittimu;
23. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tapplika l-prinċipji "diġitali b'mod awtomatiku" u "darba biss"²⁰ meta tiżviluppa leġislazzjoni ġdida li tiffaċilita jew meta tevalwa leġislazzjoni eżistenti sabiex iżżommha xierqa għall-era diġitali u sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li, fl-istess waqt IĦEĠĠEĠ biex tiġi evitata regolamentazzjoni żejda li tista' xxekkel servizzi innovattivi;
24. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkun gwida lejn l-interoperabbiltà transkonfinali tas-servizzi u s-soluzzjonijiet diġitali għat-trasport fuq il-bażi ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni mobbli, terrestri u bis-satellita u JISĦAQ fuq l-importanza tal-ħarsien tal-użu tal-ispettru tar-radju, b'mod partikolari għas-servizzi kritiċi għas-sikurezza;
25. JIRRIKONOXXI li n-navigazzjoni bis-satellita hi essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tad-diġitalizzazzjoni fil-mezzi kollha tat-trasport u JAPPELLA għal aktar appoġġ għall-programmi GALILEO u EGNOS;

¹⁹ Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ta' Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq (CMR) dwar in-nota ta' konsenja elettronika, 27 ta' Mejju 2008, Ġinevra; fis-seħħ mill-5 ta' Ġunju 2011.

²⁰ Kif definit fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 - Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika (dok. 8097/16 + COR 1 + ADD 1 + ADD 2).

26. IHEĠĠĠ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri rilevanti u lill-partijiet ikkonċernati biex jużaw b'mod sħiħ il-mezzi diġitali, fosthom is-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar, biex itejbu l-integrazzjoni tat-trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-ktajjen loġistiċi u JISSOTTOLINJA l-importanza tas-soluzzjonijiet diġitali għas-settur tat-trasport marittimu fuq distanza qasira bil-ħsieb li jiġi stimulat it-trasport bil-baħar ġewwa l-UE;
27. JINKORAĠĠIXXI lis-settur ferrovjarju u tal-loġistika biex jaqsam data pertinenti ma' partijiet rilevanti fi ħdan il-katina loġistika, inkluż terminals, bħal Ħin Mistenni tal-Wasla affidabbli, biex il-ferroviji jiġu integrati aħjar fil-ktajjen tat-trasport u tissaħħaħ il-kompetittività tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bil-ferrovija;
28. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex ikomplu jimplimentaw is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju, li qiegħda fil-qalba id-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji u li hi ta' benefiċċju sinifikanti f'termini tas-sikurezza, l-interoperabbiltà, l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz;
29. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tħaffef l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-ITS²¹ u r-reviżjoni tagħha bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-innovazzjoni teknika u t-trasport multimodali, fuq il-bażi tal-qafas regolatorju eżistenti;
30. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-possibbiltà li jintużaw aktar mezzi diġitali bil-għan li tiġi ffaċilitata u vverifikata l-konformità mal-leġislazzjoni dwar it-trasport, u għaldaqstant JISSOTTOLINJA l-importanza ta' data diġitali għall-iskop tal-infurzar tar-regolamenti applikabbli għat-trasport bit-triq u JITLOB b'mod partikolari għall-iżvilupp u l-użu mill-iktar fis possibbli ta' teknoloġiji b'bażi diġitali, bħal takografi intelliġenti li jiffaċilitaw ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-infurzar;
31. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien fil-Forum Dinji tan-NU dwar is-Sikurezza tat-Traffiku fit-Toroq biex jiżviluppaw gwida għall-Konvenzjonijiet ta' Vjenna u Ġinevra dwar it-Traffiku fit-Toroq sabiex tiġi ffaċilitata aktar innovazzjoni u jsiru possibbli l-introduzzjoni u l-użu sikuri ta' vetturi konnessi u awtomatizzati fit-toroq pubbliċi;

²¹ Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport, (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

32. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, skont il-każ, biex ikomplu l-isforzi fil-qafas tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali biex jippromwov l-fatt li l-qafas regolatorju internazzjonali jiffaċilita l-bidu tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u tad-diġitalizzazzjoni abbord vapuri, inkluż l-iżvilupp ta' bastimenti awtonomi, u f'dan il-kuntest JILQA' l-eżerċizzju ta' analiżi regolatorja għal użu mingħajr periklu, sigur u mingħajr ħsara għall-ambjent ta' Vapuri Marittimi Awtonomi tal-Wiċċ u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwov l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati diġitali għal vapuri u baħħara;
33. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-interoperabbiltà tas-servizzi diġitali għat-trasport tal-baħar u f'passaġġi fuq l-ilma interni biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ mezzi;
34. IĦEĠĠEĠ lill-koordinaturi Ewropej tal-Kurituri Ewlenin tan-Netwerk multimodali tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport f'konsultazzjoni mal-Istati Membri biex jinkludu aktar azzjonijiet fi pjanijiet ta' ħidma biex jiġu stimulat i proġetti innovattivi fil-qasam tat-trasport u jiġu ffaċilitati l-iżvilupp ta' servizzi u soluzzjonijiet diġitali għat-trasport u l-introduzzjoni kkoordinata u ssinkronizzata tagħhom;
35. JAPPELLA, mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati dwar il-QFP, għal sorsi ta' finanzjament biex jiġu appoġġati, fost ħwejjeġ oħra, l-iżvilupp u l-introduzzjoni rapidi ta' sistemi, servizzi u soluzzjonijiet diġitali għat-trasport fil-ġejjieni;
36. JAGĦRAF li l-importanza tal-iżviluppi diġitali fis-settur tat-trasport ġiet rikonoxxuta b'mod ċar mill-parteciċipanti tal-konferenza tal-Jiem tat-Trasport Diġitali f'Tallinn mit-8 sal-10 ta' Novembru 2017, u JINKORAĠĠIXXI lill-partijiet kollha involuti biex ikollhom djalogu kontinwu dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport.
-